32003R2244

20.12.2003 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 333/17

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2244/2003
tat-18 Diċembru, 2003
li jistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bażata fuq satellita

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropew,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru, 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd taħt il-Politika [1] tas-Sajd Komuni u partikolarment l-Artikolu 22(3) u l-Artikolu 23(5) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 22(1)(b) tar-Regolatment (KE) Nru 2371/2002, il-bastimenti tas-sajd huma pprojbiti milli jieħdu sehem f'attivitajiet bl-għan tal-Politika tas-Sajd Komuni kemm-il darba jkunu stallaw abbord sistema li tiffunzjona li tippermetti l-iskoperta u l-identifikazzjoni tal-bastiment b'sistemi ta' kontroll mill-bogħod.

(2) Huwa xieraq li jipprovdu illi mill-1 ta' Jannar, 2004, il-bastimenti kollha tas-sajd li jeċċedu b'kollox it-tul ta' 18-il metru, u mill-1 ta' Jannar, 2005, il-bastimenti tas-sajd kollha li jeċċedu b'kollox it-tul ta' 15-il metru għandhom jiġu suġġetti għal sistema ta' monitoraġġ tal-vapuri bażata fuq satellita (VMS).

(3) Il-bastimenti tas-sajd li jaħdmu esklussivament ġewwa l-linji bażi ta' l-Istati Membri ma għandhomx ikunu suġġetti għal dik l-obbligazzjoni peress illi l-impatt fuq l-attività tagħhom fuq ir-riżorsi huwa insinifikanti.

(4) Skond l-Artikolu 23(3) tar-Reglament (KE) Nru 2371/2002, L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istruttura teknika u amministrattiva meħtieġa biex jassiguraw il-kontroll effettiv, l-ispezzjoni u l-infurzar, inklużi s-sistemi ta' kontroll bażati fuq satelliti.

(5) Disposizzjonijiet ta' VMS iktar stretti joħolqu l-potenzal biex iżidu l-effiċjenza u l-effettività tal-kontroll, kontroll u operazzjonijiet ta' sorveljanza kemm fil-baħar kif ukoll fuq l-art.

(6) Huwa xieraq li jistabbilixxu perjodu transitorju għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet li jirrifieru għall-komunikazzjoni tal-velocità u għal-korsa tal-bastiment tas-sajd bla ħsara għal certi kondizzjonijiet.

(7) Il-VMS għandu japplika b'mod simili għal bastimenti tas-sajd tal-Komunità u bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li jaħdmu fl-ibħra tal-Komunità.

(8) Minħabba l-adozzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet ġodda, huwa meħtieġ li jiġi mħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1489/97 tad-29 ta' Lulju, 1997 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 rigward is-sistemi bażati fuq is-satelliti sabiex jissorveljaw il-bastimenti [2].

(9) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-fehma tal-Kumitat ta' Tmexxija għas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Is-Suġġett

Dan ir-Regolament jistabblixxi regoli dettaljati għat-tħaddim mill-Istati Membri ta' sistema ta' monitoraġġ tal-vapuri bis-satellita (VMS), kif previst fl-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Artikolu 2

Ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

(a) bastimenti tas-sajd li jeċċedu b'kollox it-tul ta' 18–il metru mill-1 ta' Jannar, 2004; u

(b) bastimenti tas-sajd li jeċċedu b'kollox it-tul ta' 15–il metru mill-1 ta' Jannar, 2005.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal bastimenti tas-sajd li huma użati esklussivament għall-isfruttament u akkwakultura u li jaħdmu esklussivament ġewwa l-linji ta' bażi ta' l-Istati Membri.

Artikolu 3

Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd

1. L-Istati Membri għandhom iħaddmu Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd (FMC).

[1] ĠU L 358, tal-31.12.02, pġ. 59.

[2] ĠU L 202, tat-30.07.97, pġ. 18. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2445/1999 (ĠU L 298, tad-19.11.99, pġ. 5).

2. L-FMC ta' l-Istati Membru għandu jikkontrolla:

(a) il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru, mingħajr ma jagħtu każ ta' l-ibħra jew il-port li jkunu fih;

(b) Il-bastimenti tal-Komunità li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra: u

(ċ) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi waqt iż-żmien li jkunu fl-ibħra taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru.

3. L-Istati Membri jistgħu jħaddmu FMC konġunt.

KAPITOLU II

SORVELJANZA TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-KOMUNITÀ BAŻATA FUQ SATELLITA

Artikolu 4

Ħtieġa ta' apparat li jsegwi l-movimenti bis-satellita fuq il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità

Bastiment tas-sajd tal-Komunità suġġett għal VMS mhux permess li jitlaq minn port mingħajr pjan operazzjonali ta' apparat li jsegwi l-movimenti bis-satellita li jkun installat abbord.

Artikolu 5

Karatteristiċi ta' apparat li jsegwi l-movimenti bis-satelliti

1. L-apparati li jsegwu l-movimenti bis-satelliti installati abbord bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jassiguraw it-trasmissjoni awtomatika lil FMC ta' l-Istati Membri ta' reġistrazzjoni, f'kull ħin, tad-data dwar:

(a) l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd;

(b) il-posizzjoni ġeografika l-iktar reċenti tal-bastiment tas-sajd, bi żball fil-posizzjoni li jkun inqas minn 500 metru, b'intervall kunfidenzjali ta' 99 fil-mija;

(ċ) id-data u l-ħin (espressi fil-Ħin Universali Kordinat (UTC) ta' l-iffissar tal-posizzjoni msemmija tal-bastiment tas-sajd;

(d) b'effett mill-1 ta' Jannar, 2006 il-velocità u d-direzzjoni tal-bastiment tas-sajd.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri xierqa biex jassiguraw li l-apparat li jsegwi l-movimenti bis-satelliti ma jirċevux u l-anqas jitrasmettu posizzjonijiet żbaljati u li jkunu protetti kontra kull tip ta' alterazzjonijiet manwali.

Artikolu 6

Responsabbiltajiet li jikkonċernaw l-apparati li jsegwu l-movimenti bis-satelliti

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità għandu jassigura li l-apparati li jsegwu l-movimenti bis-satelliti huma kompletament funzjonanti fi kwalunkwe ħin u li d-data li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 5(1) hi trasmessa.

2. Partikolarment il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità għandu jassigura li:

(a) id-data m' hi mibdula bl-ebda mod:

(b) l-antenna jew l-antenni kkomunikati ma' l-apparat li jsegwi s-satelliti m'humiex imfixxkla bl-ebda mod;

(ċ) il-provvista ta' l-apparati li jsegwu s-satelliti m'humiex imfixxkla bl-ebda mod; u

(d) l-apparati li jsegwu s-satelliti m'humiex imneħħija mill-bastiment tas-sajd.

3. Apparat li jsegwi l-movimenti bis-satellita m'għandux jiġi distrutt, issirlu ħsara, isir inoperabbli jew jiġi b'xi mod imbagħbas.

Artikolu 7

Miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri ta' reġistrazzjoni.

Kull Stat Membru għandu jassigura l-kontroll regolari ta' l-eżatezza tad-data msemmija fl-Artikolu 5(1) u għandhom jaġixxu malajr meta d-data ma tkunx eżatta.

Artikolu 8

Frekwenza tat-trasmissjoni tad-data

1. Kull Stat Membru għandu jassigura illi l-FMC tiegħu jirċievi, mill-inqas darba kull siegħa permeszz tal-VMS l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) rigward il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u huma reġistrati fil-Komunità. L-FMC tista' tiddeċidi li tinħtieġ l-informazzjoni f'intervalli ta' żmien iqsar.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-frekwenza tat-trasmissjoni tad-data tista' tkun mill-inqas darba kull sagħtejn, jekk l-FMC għandu l-possibbiltà li jagħti l-posizzjoni attwali tal-bastimenti tas-sajd.

3. Meta bastiment tas-sajd ikun fil-port l-apparat li jsegwi l-movimenti bis-satellita jista' jintefa, suġġett għall-obbligu tan-notifikazzjoni minn qabel lil FMC ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni u lil FMC ta' l-Istat Membru tal-kosta u li jipprovdi illi r-rapport li jkun imiss juri li l-bastiment tas-sajd ma bidilx il-posizzjoni tiegħu skond ir-rapport ta' qabel.

Artikolu 9

Il-kontroll tad-dħul u ħruġ minn żoni speċifiċi

Kull Stat Membru għandu jassigura, illi permess tal-VMS, il-monitors tal-FMC tiegħu dwar il-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u reġistrati fil-Komunità, d-data u l-ħin tad-dħul u ħruġ minn:

(a) kull żona marittima fejn ir-regoli speċifiċi dwar l-adeżjoni għall-ibħra u rizorsi japplikaw:

(b) iż-żoni regolatorji ta' l-organizzazzjonijiet tass-sajd reġjonali li l-Komunità jew ċerti Stati Membri huma parti;

(ċ) l-ibħra ta' pajjiżi terzi.

Artikolu 10

Trasmissjoni tad-data lill-Istati Membri tal-kosta

1. Il-VMS stabbilit minn kull Stat Membru għandu jassigura t-trasmissjoni awtomatika lil FMC ta' l-Istat Membru tal-kosta tad-data li trid tiġi pprovduta skond l-Artikolu 5 dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u huma reġistrati fil-Komunità, waqt iż-żmien li jkunu fl-ibħra ta' l-Istati Membri tal-kosta.

Dik it-trasmissjoni tad-data għandha tkun fl-istess ħin tat-trasmissjoni lil-FMC ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni u għandu jkun konformi mal-format imniżżel fl-Anness I.

2. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Istati Membri l-oħra lista dettaljata tal-kordinati tal-latitudni u longitudni li juri l-limiti taż-żona esklussiva ekonomika jew żona esklussiva tas-sajd.

3. L-Istati Membri fuq il-kosta li jimmunitarjaw konġunt żona jistgħu jispeċifikaw destinazzjoni komuni għat-trasmissjoni tad-data li għandha tiġi provduta skond l-Artikolu 5. Huma għandhom jinfurmaw lil-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra b'dan.

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw kordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-istabbilment u t-tħaddim tal-proċeduri għat-trasmissjoni lil FMC ta' Stati Membru fuq il-kosta.

5. Fuq talba l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera bla ħsara għal VMS. Il-lista għandha tkun fiha n-numru tar-reġistru tal-flotta interna, l-identifikazzjoni tal-flotta esterna, l-isem u s-sinjal ta' sejħa tar-radjo internazzjonali ta' kull bastiment.

Artikolu 11

In-nuqqas tekniku jew in-nuqqas ta' funzjoni tas-sistema li ssegwi l-movimenti bis-satellita

1. Fil-każ ta' nuqqas tekniku jew nuqqas ta' funzjoni tas-sistema li ssegwi l-movimenti bis-satellita li tkun installata abbord bastiment tas-sajd tal-Kommunità, il-kaptan jew is-sid tal-bastiment jew ir-rappreżentant tagħhom għandu jikkomunika kull erba' sigħat, li jibdew mill-ħin li l-każ ikunu skoprewh jew mill-ħin li hu jkun infurmat skond il-paragrafu 3 jew l-Artikolu 12(1), il-posizzjoni tal-bastiment ġeografika kurrenti aġġornata bl-e-mail, bit-telex, bil-fax, b'messaġġ bit-telefon jew bir-radjo, minn stazzjon tar-radjo approvat taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità għar-riċeviment ta' tali rapporti lil FMC ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni u l-FMC ta' l-Istat Membru fuq il-kosta.

2. Bastiment tas-sajd tal-Komunità ma għandux jitlaq minn port, wara li jkollu nuqqas tekniku jew nuqqas ta' funzjoni qabel ma s-sistema li tkejjel is-satellita li jkollu installat abbord tkun qiegħda taħdem għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti jew qabel ikun xort'oħra awtorizzat biex jitlaq mill-awtoritajiet kompetenti.

3. L-Istati Membri għandhom ifittxu jinfurmaw lill-kaptan jew lis-sid tal-bastiment jew lir-rappreżentant tiegħu meta s-sistema li jsegwi s-satellita installata abbord il-bastiment tas-sajd tal-Komunità tidher li tkun difettuża jew ma tkunx taħdem.

4. L-Istat Membru ta' reġistrazzjoni jista' jawtorizza lis-sistema li ssegwi l-moviment bis-satellita tiġi mibdula b'sistema li tkun taħdem u li tkun tħares l-Artikolu 5.

Artikolu 12

Data li ma tkunx irċevuta

1. Meta l-FMC ta' Stati Membru ta' reġistrazzjoni ma jkunx irċieva t-trasmissjonijiet tad-data skond l-Artikoli 8 jew 11 għal 12-il siegħa għandu jinnotifika lill-kaptan jew lis-sid tal-bastiment jew ir-rappreżentant tagħhom b'dan mill-iktar fis possibbli. Jekk, rigward bastiment partikolari, din is-sitwazzjoni tiġri iktar minn tliet darbiet f'perjodu ta' sena, l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandu jassigura illi s-sistema li ssegwi s-satellita tal-bastiment in kwistjoni tiġi spezzjonata. L-Istat Membru konċernat għandu jinvestiga l-kwistjoni sabiex jistabbilixxi jekk l-apparat ikunx ġie mbagħbas. B'deroga mill-Artikolu 6(2)(d) dan għandu jikkonsisti fit-tneħħija ta' tali apparat biex jiġi eżaminat.

2. Meta l-FMC ta' Stati Membru ta' reġistrazzjoni ma jkunx irċieva t-trasmissjonijiet tad-data skond l-Artikolu 8 jew l-Artikolu 11(1) għal tnax-il siegħa u l-aħħar posizzjoni li rċevew kienet mill-ibħra ta' Stat Membru fuq il-kosta għandha tinnotifika lill-FMC ta' dak l-Istat Membru fuq il-kosta b'dan mill-iktar fis possibbli.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru fuq il-kosta josservaw bastiment tas-sajd fl-ibħra tagħhom u ma jkunux irċevew id-data skond l-Artikolu 10(1) jew l-Artikolu 11(1) għandhom jinnotifikaw lill-kaptan tal-bastiment u lill-FMC ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni b'dan.

Artikolu 13

Il-kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom jużaw id-data li jkunu rċevew skond l-Artikolu 8, l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 11(1) għall-kontroll effettiv ta' l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti.

2. L-Istati Membri ta' reġistrazzjoni għandhom jassiguraw illi d-data li jkunu rċevew mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jew li jkunu rreġistrati fihom huma rrekordjati f'forma li tinqara fuq il-kompjuter għall-perjodu ta' tliet snin.

3. L-Istati Membri fuq il-kosta għandhom jassiguraw li d-data riċevuta mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor huma rreġistrati f'forma li tista' tinqara fuq kompjuter għall-perjodu ta' tliet snin.

KAPITOLU III

AĊĊESS GĦAD-DATA U RAPPORTI

Artikolu 14

Aċċess għad-data

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-Kummissjoni għandha, fuq talba speċifika, adeżjoni remota b'sezzjonijiet online għad-dokumenti tal-kompjuter li jkunu jinsabu fihom id-data reġistrata mill-FMC tagħhom.

2. Id-data riċevuta fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandha tkun trattata b'manjiera konfidenzjali.

Artikolu 15

L-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti

1. L-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tat-telex, in-numru tal-fax kif ukoll l-X25 u xi indirizzi oħra użati għat-trasmissjoni tad-data elettronika ta' l-awtorità kompetenti risponsabbli għal FMC huma mniżżla fl-Anness II.

2. Xi bdil fl-informazzjoni li hemm imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ikkomunikata lil Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fi żmien gimgħa mid-data ta' tali bidla.

Artikolu 16

Ir-rapporti ta' kull sitt xhur mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jirraportaw kull sitt xhur lill-Kummissjoni sa l-l ta' Mejju u sa l-1 ta' Novembru dwar il-funzjonar tal-VMS tagħhom matul is-sitt xhur ta' qabel.

2. Partikolarment, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-data li ġejja:

(a) In-numru ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera jew li huma rreġistrati fl-Istati Membri konċernati bla ħsara għall-VMS matul is-sitt xhur ta' qabel;

(b) il-lista tal-bastimenti tas-sajd li l-apparati li jsegwu s-satellita tagħhom kellhom ripetutament nuqqas tekniku jew naqsu milli jaħdmu ripetutament matul is-sitt xhur ta' qabel:

(ċ) in-numru ta' rapporti tal-posizzjoni riċevuti mill-FMC matul is-sitt xhur ta' qabel, waqfu jaħdmu żajbar mill-Istat ta' reġistrazzjoni; u

(d) it-total tal-ħin imqatta' fiż-żoni marittimi identifikati mis-sotto-żoni tal-FAO matul is-sitt xhur ta' qabel, mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal- jew li huma reġistrati ma' l-Istat Membru konċernat bla ħsara għal VMS.

3. Il-format biex tiġi nnotifikata l-informazzjoni msejħa fil-paragrafu 2 tista' tiġi stabbilita b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

KAPITOLU IV

IS-SORVELJANZA BAŻATA FUQ IS-SATELLITI TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD TA' PAJJIŻI TERZI LI JAĦDMU FL-IBĦRA TAL-KOMUNITÀ

Artikolu 17

Ħtieġa ta' apparat li jsegwi s-satellita abbord

Bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz suġġett għal VMS għandu jkollu pjan operazzjonali ta' apparat li jsegwi s-satellita installata abbord meta jkun fl-ibħra tal-Komunità.

Artikolu 18

Karatteristiċi ta' l-apparati li jsegwu l-moviment bis-satelliti

1. L-apparati li jsegwu l-moviment bis-satelliti installati abbord il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi għandhom jassiguraw it-trasmissjoni awtomatika fi kwalunkwe żmien li fih dawk il-bastimenti jkunu fl-ibħra tal-Komunità tad-data li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd;

(b) il-posizzjoni ġeografika l-iktar reċenti tal-bastiment tas-sajd, b'marġini ta' żball fil-posizzjoni li għandu jkun inqas minn 500 metru, b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 fil-mija;

(ċ) id-data u l-ħin (espressi fil-Ħin Kordinat Universali (UTC)) tad-determinazzjoni tal-posizzjoni tal-bastiment tas-sajd; u

(d) b'effett mill-1 ta' Jannar, 2006 l-iktar tard, il-velocità u d-direzzjoni tal-bastiment tas-sajd.

2. L-apparati li jsegwu l-moviment bis-satellita m'għandhomx jirċievu u l-anqas jittrasmettu posizzjonijiet żbaljati u għandhom ikunu protetti kontra kull tip ta' alterazzjonijiet manwali.

Artikolu 19

Ir-responsabbiltajiet rigward l-apparati li jsegwu l-movimenti bis-satellita

1. Il-kaptana tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi suġġetti għall-VMS għandhom jassiguraw li l-apparati li jsegwu l-movimenti bis-satellita huma operazzjonali f'kull żmien u li d-data msemmija fl-Artikolu 18(1) hija trasmessa.

2. Partikolarment, il-kaptan tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi għandhom jassiguraw li:

(a) id-data ma huma mibdula bl-ebda mod;

(b) l-antenna jew l-antenni mqabbdin mal-apparat li jsegwi s-satellita ma humiex ta'xkiel bl-ebda mod;

(ċ) il-provvista ta' l-apparati li jsegwu s-satelliti mhix imfixxkla bl-ebda mod; u

(d) l-apparati li jsegwu s-satelliti ma humiex imneħħija mill-bastimenti tas-sajd.

3. Għandu jkun projbit li jiddistruġġu, jikkaġunaw danni, jiġu jkunu bla effett jew jindaħlu xort'oħra ma' l-apparat li jsegwi l-moviement bis-satellita.

Artikolu 20

Frekwenza tat-trasmissjoni tad-data

Il-frekwenza tat-trasmissjoni tad-data awtomatika għandha tkun mill-inqas darba kull siegħa. Madankollu, tista' tkun mill-inqas darba kull sagħtejn jekk l-FMC ta' l-Istat ta' reġistrazzjoni għandu l-possibbiltà li jsib il-posizzjoni effettiva tal-bastiment tas-sajd.

Artikolu 21

It-trasmissjoni lill-Istati Membri fuq il-kosta

L-informazzjoni tal-kontroll tal-posizzjoni msejħa fl-Artikolu 18(1) għandħa tintbgħat lil FMC ta' l-Istat Membru fuq il-kosta skond il-format imfisser fl-Anness I.

Artikolu 22

Il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi

1. Kull Stat Membru għandu jittrasmetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi konċernati lista dettaljata tal-kordinati tal-latitudni u lonġitudni li juru l-limiti taż-żona esklussiva, ekonomika jew iż--żona tas-sajd esklussiva, f'format kompatibbli mas-Sistema Dinjija Ġeodetika ta' l-1984 (WGS 84).

2. L-Istati Membri fuq il-kosta għandhom jassiguraw il-kordinazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi konċernati rigward l-istabbiliment u t-tħaddim tal-proċeduri għat-trasmissjoni awtomatika lil FMC tagħhom.

Artikolu 23

In-nuqqas tekniku jew nuqqas ta' tħaddim tal-apparat li jsegwi s-satelliti

1. Fil-każ ta' nuqqas tekniku ta' nuqqas ta' funzjoni ta' l-apparat li jsegwi s-satelliti istallat abbord bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz waqt li jkun qiegħed fl-ibħra tal-Komunità, il-kaptan jew is-sid tal-bastiment jew ir-rappreżentant tagħhom għandu jikkomunika kull sagħtejn, u kull darba li l-bastiment jiċċaqlaq minn ICES diviżjoni għall-oħra, il-posizzjoni kurrenti aġġornata ġeografika tal-bastiment permess ta' e-mail, telex, fax, b'messaġġi bit-telefon jew bir-radjo.

2. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trasmessa lil FMC ta' l--Istat Membru tal-kosta.

3. Bastiment ta' pajjiż terz li jaħdem fl-ibħra tal-Komunità ma għandux jitlaq minn port ta' Stat Membru, wara li jkun ġralu nuqqas tekniku jew nuqqas ta' funzjoni, qabel ma l-apparat li jsegwi s-satelliti li jkun installat abbord qiegħed jaħdem għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti jew qabel xort'oħra ma jkun awtorizzat jitlaq mill-awtoritajiet kompetenti.

4. L-Istati Membri fuq il-kosta għandhom jinfurmaw lill-kaptan jew lis-sid ta' bastiment jew ir-rappreżentant tagħhom meta l-apparat li jsegwi s-satelliti li jkun installat abbord il-bastiment jidher li huwa difettuż jew li ma jaħdimx.

Artikolu 24

Il-kontroll u r-rapporti ta' l-attivitajiet tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom jużaw id-data li jkunu rċevew skond l-Artikolu 18 u l-Artikolu 23(1) għal kontroll effettiv ta' l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li d-data li jkunu rċevew minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi huma rreġistrati f'forma li tista' tinqara fuq kompjuter għal perjodu ta' tliet snin.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih meta bastiment ma jħarisx ir-regoli li jkunu jinsabu f'dan il-Kapitolu.

KAPITOLU V

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Abbrogazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1489/97 huwa abbrogat b'effett mill-1 ta' Jannar, 2004.

Ir-referenzi lir-Regolament abbrogat għandhom ikunu meħuda bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond ir-relazzjoni reċiproka tal-lista fl-Anness III.

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar, 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru, 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Format ta' data elettronika ta' skambju għat-trasmissjoni tad-data lill-Istat Membru tal-kosta

A. Kontenut tar-rapport ta' posizzjoni

element *tad-data*	Kodiċi ta' l-oqsma	obbligatorju/mhux ta' bil-fors	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Detall tas-sistema jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Detall tal-Messaġġ; destinazzjoni; Stat Membru tal-kosta Alpha-3 ISO kodiċi tal-pajjiż
Tip ta' messaġġ	TM	M	Detall tal-messaġġ; tip tal-messaġġ, "POS"
Is-Sinjal tas-sejħa bir-Radjo	RC	M	Detall tar-registrazzjoni tal-bastiment
Nru tal-vjaġġ	TN	O	Detall ta' l-attività; vjaġġ tas-sajd numru tas-serje fis-sena kurrenti i
Isem tal-bastiment	NA	O	Detall tar-registrazzjoni tal-bastiment
Numru intern tar-riferenza	IR	O (1)	Detall tar-registrazzjoni tal-bastiment. Numru tal-bastiment uniku bħala stat ta' reġistrazzjoni Alpha-3 ISO kodiċi tal-pajjiż segwit b'numru
Numru tar-registrazzjoni estern	XR	O	Detall tar-registrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment
Latitudni (deċimal)	LT	M	Detall ta' l-attività; posizzjoni fiż-żmien tat-trasmissjoni
Lonġitudni (deċimal)	LG	M	Detall ta' l-attività; posizzjoni fil-ħin tat-trasmissjoni
velocità	SP	M (2)	Velocità tal-bastiment mill-għaxra waħda ta' mili tal-baħar
kors	CO	M (2)	Kors tal-bastiment skala 360°
Data	DA	M	Detall tal-messaġġ; data tat-trasmissjoni
Ħin	TI	M	Detall tal-messaġġ; data tat-trasmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	M	Detall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

(1) obbligatorju għal bastimenti tas-sajd tal-Komunità.

(2) Mhux ta' bil-fors sal-31ta' Diċembru, 2005.

B. Struttura tar-rapport ta' posizzjoni

Kull trasmissjoni tad-data hi strutturata kif gej:

— slash doppju (//) u l-karatteristiċi "SR" jindikaw ill-bidu ta' messaġġ,

— slash doppju (//) u kodiċi tal-qasam jindika l-bidu ta' element tad-data,

— slash waħdu(/) jissepara l-kodiċi tal-qasam u d-data,

— pari ta' data huma separati bi' spazju

— il-karattri "ER" u slash doppju (//) jindikaw it-tmiem ta' reġistrazzjoni.

C. Definizjoni ta' l-elementi tad-data

Kategorija	element tad-data	Kodiċi tal-qasam	Tip	kontenuti	Definizzjonijiet
Dettalji tas-sistema	Reġistrazzjoni bidu	SR			Jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
	Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER			Jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni
Dettalji tal-messaġġ	destinazzjoni ta' l-indirizz	AD	l-ispeċi fil-Ġeneru Salvelinus	ISO-3166 Indirizz	L-indirizz tal-parti li tirċievi l-messaġġ
	Tip ta' messaġġ	TM	l-ispeċi fil-ġeneru Salvelinus	Kodiċi	L-ewwel tliet ittri tat-tip ta' messaġġ
	Data	DA	Num*8	YYYYMMDD	Sena, xahar u data
	Ħin	TI	Num*4	HHMM	Sigħat u minuti fil-UTC
Dettalji tar-registrazzjoni tal-bastiment	Is-Sinjal tas-sejħa bir-Radjo	RC	l-ispeċi fil-Ġeneru Salvelinus	Kodiċi IRCS	Sinjal ta' sejħa internazzjonali bir-radio tal-bastiment
	Isem tal-bastiment	NA	Char*30	ISO 8859,1	Isem tal-bastiment
	reġistrazzjoni esterna	XR	Char*14	ISO 8859,1	Numru tal-ġenb tal-bastiment
	Numru ta' referenza interna	IR	l-ispeċi fil-ġeneru Salvelinus Num*9	ISO-3166 + max.9N	Numru uniku tal-bastiment attribwit mill-Istat ta' reġistrazzjoni skond ir-reġistrazzjoni
Dettalji ta' l-attività	Latitudni (decimali)	LT	l-ispeċi fil-ġeneru Salvelinus	+/-DD.ddd	Valur negattiv jekk il-latitudni qiegħda fl-Emisferu ta' Nofs-in-Nhar (1) (WGS84)
	Longitudni (decimali)	LG	l-ispeċi fil-ġeneru Salvelinus	+/-DDD.ddd	Valur negattiv jekk il-longitudni qiegħda fl-Emisferu tal-punent (1) (WGS84)
	velocità	SP	Num*3	Mili tal-baħar*10	e.g.//SP/105 = 10,5 mili tal-baaħar
	Direzzjoni	CO	Num*3	360 skala tal-gradi	e..//CO/270 = 270°
	Numru tal-vjaġġ	TN	Num*3	001-999	Numru tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena kurrenti

(1) Is-sinjal ta' l-addizzjoni (+) mhux meħtieġ li jiġi trasmess, iż-żerijiet ta' tmexxija jistgħu jithallew barra.

ANNESS II

AWTORITAJIET KOMPETENTI

BELGIË/BELGIQUE

Név:	Dienst voor de Zeevisserij Administratief Centrum
Cím:	Vrijhavenstraat 5 B-8400 Oostende
Telefon:	(32-59) 50 89 66 — 51 29 94
Fax	(32-59) 51 45 57 — 51 45 57
Telex	81075 dzvost
X.25:	206 259 020 63
E-mail:	Dienst.Zeevisserij@ewbl.vlaanderen.be VMS.Oostende@wol.be

DANMARK

Név:	Fiskeridirektoratet
Cím:	Stormgade 2 DK-1470 København K
Telefon:	(45) 33 96 36 09
Fax	(45) 33 96 39 00
Telex	16144 fm dk
X.25:	238 201 023 8535 (til Fiskeridirektoratet) 238 201 023 853 (fra Fiskeridirektoratet)
E-mail:	sat@fd.dk

DEUTSCHLAND

Név:	Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung
Cím:	Palmaille 9 D-22767 Hamburg
Telefon:	(49-40) 38905-173/38905-180
Fax	(49-40) 38905-128/38905-160
Telex	0214/763
X.25:	0 262 45 4001 20221
E-mail:	bettina.gromke@ble.de

ΕΛΛΑΣ

Név:	Υπουργείο Εμπορικής Ναυτιλίας/Διεύθυνση Λιμενικής Αστυνομίας Γ (Αλιείας)
Cím:	Γρ. Λαμπράκη 150 EL-18518 Πειραιάς
Telefon:	(30-210) 4519901 — 4191308 — 4513657
Fax	(30-210) 4191561 — 4285466
Telex	212239 — 212273
X.25:	02023 — 22100047
E-mail:	vms@mail.yen.gr, demos@yen.gr

ESPAÑA

Név:	Secretaría General de Pesca Marítima
Cím:	Paseo de la Castellana nº 112 ES-28046 Madrid
Telefon:	(34) 913 47 17 50
Fax	(34) 913 47 15 44
X.25:	21453150315802
E-mail:	csp@mapya.es

FRANCE

Név:	Cross Atlantique
Cím:	Château de la Garenne Avenue Louis Bougo F-56410 Etel
Telefon:	(33) 297 55 35 35
Fax	(33) 297 55 49 34
Telex	95 05 19

IRELAND

Név:	Fisheries Monitoring Centre Naval Base
Cím:	Haulbowline Co. Cork Ireland
Telefon:	(353-21) 486 48 30 — 486 48 31 — 486 49 66 — 486 49 70 — 437 87 52 (24 hr)
Fax	(353-21) 437 80 96
X.25:	272 440 520 023
E-mail:	nscstaff@eircom.net or fmcvmsst@eircom.net

ITALIA

Név:	Comando generale del Corpo delle capitanerie di porto — Guardia costiera
Cím:	Viale dell'Arte n. 16 I-00144 Roma
Telefon:	(39) 06 59 23 569 — 59 24 145 — 59 08 45 27
Fax	(39) 06 59 22 737 — 59 08 47 93
Telex	(39) 06 61 41 56 — 61 41 03 — 61 11 72
E-mail:	cogecap3@flashnet.it

NEDERLAND

év:	Algemene Inspectiedienst
Cím:	Poststraat 15 Postbus 234 6461 AW Kerkrade Nederland
Telefon:	(31-45) 546 62 22 (31-45) 546 62 30
Fax	(31-45) 546 10 11
X.25:	0204 14444605
E-mail:	meldkamer@minLnv.nl

PORTUGAL

Név:	Direcção-Geral das Pescas e Aquicultura
Cím:	Av. de Brasília P-1400-038 Lisboa
Telefon:	(351-21) 302 51 00/302 51 90
Fax	(351-21) 302 51 01
X.25:	268096110344

SUOMI/FINLAND

Név:	Maa- ja metsätalousministeriö, kala- ja riistaosasto
Cím:	Mariankatu 23 FI-00170 Helsinki
Telefon:	(358-9) 16001
Fax	(358-9) 16052640
X.25:	(0) 244 20100131
E-mail:	ali.lindahl@mmm.fi markku.nousiainen@mmm.fi

SVERIGE

Név:	Fiskeriverket
Cím:	Box 423 S-401 26 Göteborg
Telefon:	(46-31) 743 03 00
Fax	(46-31) 743 04 44
X.25:	2043 7 201034
E-mail:	fiskeriverket@fiskeriverket.se

UNITED KINGDOM

Név:	Ministry of Agriculture, Fisheries and Food Fisheries IV Division
Cím:	Nobel House, 17, Smith Square London SW1P 3JR United Kingdom
Telefon:	(44-207) 270 8337 — Scotland: (44-131) 244 6078
Fax	(44-207) 238 6566
Telex	21274
X.25:	237 859 010 201
E-mail:	MAFF.OPS@defra.gsi.gov.uk

ANNESS III

LISTA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1489/97	Ir-Regolament Preżenti
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
—	L-Artikolu 2
—	L-Artikolu 3
L-Artikolu 2	—
—	L-Artikolu 4
L-Artikolu 3, paragrafu 1	L-Artikolu 5, paragrafu 1
—	L-Artikolu 5, paragrafu 2
—	L-Artikolu 6
L-Artikolu 3, paragrafu 2	L-Artikolu 7
L-Artikolu 3, paragrafu 3	L-Artikolu 8, paragrafu 1
—	L-Artikolu 8, paragrafu 2
L-Anness I	L-Artikolu 8, paragrafu 3
L-Artikolu 3, paragrafu 4	L-Artikolu 9
L-Artikolu 4, paragrafu 1	L-Artikolu 10, paragrafu 1
L-Artikolu 4, paragrafu 2	L-Artikolu 10, paragrafu 2
L-Artikolu 4, paragrafu 3	L-Artikolu 10, paragrafu 3
L-Artikolu 4, paragrafu 4	L-Artikolu 10, paragrafu 4
—	L-Artikolu 10, paragrafu 5
L-Artikolu 5	—
L-Artikolu 6, paragrafu 1	L-Artikolu 11, paragrafu 1
L-Artikolu 6, paragrafu 2	L-Artikolu 11, paragrafi 2 and 4
L-Artikolu 6, paragrafu 3	L-Artikolu 11, paragrafu 3
—	L-Artikolu 12, paragrafu 1
—	L-Artikolu 12, paragrafu 2
—	L-Artikolu 12, paragrafu 3
—	L-Artikolu 13, paragrafu 1
—	L-Artikolu 13, paragrafu 2
—	L-Artikolu 13, paragrafu 3
L-Artikolu 7	L-Artikolu 14, paragrafu 1
—	L-Artikolu 14, paragrafu 2
L-Artikolu 8	L-Artikolu 15
L-Artikolu 9	—
L-Artikolu 10	L-Artikolu 16
—	L-Artikolu 17
—	L-Artikolu 18
—	L-Artikolu 19
—	L-Artikolu 20
—	L-Artikolu 21
—	L-Artikolu 22
—	L-Artikolu 23
—	L-Artikolu 24
—	L-Artikolu 25

Ir-Regolament (KE) Nru 1489/97	Ir-Regolament Preżenti
L-Artikolu 11	L-Artikolu 26
L-Anness I	—
L-Anness II	L-Anness I
L-Anness III	L-Anness II
—	L-Anness III